



Brussell, 27 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0264(COD)
2013/0186(COD)

9162/21
ADD 3

AVIATION 134
CODEC 772
IA 101

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST 8419/21 ADD1-3 + ADD1COR1 ST 10840/20 + ADD 1, ST 10841/21 + COR 1, ST 11020/20
Suġġett:	Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew – Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness it-test tad-Dikjarazzjoni tal-2004 mill-Istati Membri dwar kwistjonijiet militari relatati mal-Ajru Uniku Ewropew imsemmi fil-premessa 8 tat-test ta' kompromess (dokument 9162/21 ADD 1).

DIKJARAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI DWAR KWISTJONIJIET MILITARI RELATATI MAL-AJRU UNIKU EWROPEW

L-Istati Membri,

— b'kont meħud li r-Regolamenti bl-għan li joħolqu l-Ajru Uniku Ewropew japplikaw biss għat-traffiku tal-ajru ġenerali u ma jkoprox operazzjonijiet u taħriġ militari,

— filwaqt li jafferma l-ħtieġa li l-qafas leġislativ għall-Ajru Uniku Ewropew jitqiegħed fil-prattika b'mod koerenti u konsistenti, hekk kif iqisu bis-sħiħ il-ħtiġijiet relatati mal-politika nazzjonali tad-difiża u s-sigurtà u l-ftehimiet internazzjonali,

— bil-konvinzjoni li l-użu sikur u effiċjenti tal-ispazju tal-ajru jista' jinkiseb biss b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-utenti tal-ispazju tal-ajru ċivili u militari, ibbażata l-aktar fuq il-kunċett ta' użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru u koordinazzjoni ċivili militari effettiva kif stabbilit mill-ICAO, jiddikjaraw li huma ser:

1. jikkooperaw ma' xulxin, billi jqisu r-rekwiżiti militari nazzjonali, sabiex il-kunċett ta' użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru jiġi applikat b'mod sħiħ u uniformi fl-Istati Membri kollha mill-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru;
2. jiżguraw li l-interessi tal-utenti militari tal-ispazju tal-ajru tal-Istati Membri, fejn rilevanti, jiġu rappreżentati fl-iżvilupp kollu, fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, inkluż il-Kumitat dwar l-Ajru Uniku li twaqqaf skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 (ir-Regolament qafas);
3. jiżguraw, fejn xieraq, li l-persunal militari jkun involut fil-ħidma mwettqa minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti stabbiliti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 (Regolament dwar il-forniment ta' servizz);
4. jikkunsidraw, b'rabta ma' kwistjonijiet tal-amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru, l-importanza fundamentali tal-Eurocontrol;
5. isaħħu l-kooperazzjoni ċivili militari u, jekk u kemm ikun meħtieġ mill-Istati Membri kollha kkonċernati,

— jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-forzi armati tagħhom fil-kwistjonijiet kollha tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, sabiex ikun possibbli li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet rilevanti fl-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju għall-Ajru Uniku Ewropew;

— filwaqt li jqisu l-oġettiv li jiġi stabbilit qafas regolatorju għall-Ajru Uniku Ewropew sal-31 ta' Diċembru 2004, joħlqu l-arranġamenti meħtieġa biex jappoġġaw kooperazzjoni militari bħal din sabiex tiġi garantita kunsiderazzjoni bilanċjata tar-rekwiżiti ekonomiċi kif ukoll dawk tas-sigurtà u tad-difiża.